# ...Min kien Karmenu Camilleri?

**Kitba ta' Joseph C. Borg**



Fil-biċċa l-kbira tagħhom it-toroq tagħna li jiffurmaw l-ibliet u l-irħula li ngħixu fihom jingħataw ismijiet għal ċertu nies kbar ... kbar fis-sens ! minħabba li jkunu laħqu xi kariga importanti, spikkaw f'xi talent partikulari jew permezz tal-ġenerożità tagħhom, inkella għax ikunu wettqu xi għemil straordinarju li minnu tkun ibbenefikat is-soċjetà u għaldaqstant fl-opinjoni tiegħi din hija prattika sublimi u li timmerithom, bħalma se naraw f'din il-ġrajja ta' dan il-Qormi eroj li verament kien jistħoqlu li jibqa' jissemma. Bħalu kien hemm ukoll oħrajn, li wieħed jista' jsejħilhom mudelli. Permezz tagħhom issawret l-istorja ta' belt, raħal u nazzjon. Biex inżomm mal-limitu li talabni l-editur ta' dan il-ktejjeb, il-ħabib tiegħi s-Sur Ġorġ Bianchi, sejjer naqsam magħkom ġrajja li mhux tant komuni li kienet seħħet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, fl-inħawi ta' Triq Dun Marju, (il-parti ta' fuq) li għal dawk iż-żminijiet kien jitqies bħala fit-tarf tar-raħal.

Kien bejn il-lejl tat-3 u l-4 ta' Novembru tal-1940, għall-ħabta tal-00.15am, skont kif kien ġie rrapurtat, meta waqt li ajruplan Bristol Bomber, tat-tip Wellington – tar-'Royal Air Force' li kien jintuża mill-Ingliżi kontra l-għadu fl-Italja u fl-Afrika ta' Fuq, tar mill-mitjar ta' Ħal Luqa u hekk kif kien qed jittajjar fuq l-inħawi ta' Ħal Qormi, iġġarraf fuq xi djar qrib barriera, wara li għal xi raġuni żviluppawlu xi ħsarat. Dejjem skont kif dehru l-affarijiet.




Il-Bristol Bomber tat-tip Wellington

Il-bdot tal-ajruplan jingħad li prova jagħmel minn kollox sabiex iniżżel l-ajruplan fl-għelieqi, iżda b'xorti ħażina ma rnexxilux għal ftit metri. Spiċċa biex baqa' nieżel fuq żewġt idjar u tfarrak hemm. Parti mill-ajruplan intemmet ġol-barriera li kien hemm fuq wara ta' dawn id-djar, b'erba' mill-membri tal-ekwipaġġ b'kollox. Din il-barriera kienet fonda madwar 100 pied u f'dawk iż-żminijiet, fiha, ma' xi mbarazz ieħor kien qed jinxteħet it-terrapien li kien joħroġ mit-tqattigħ tal-blat tax-xelters, li kienu qed jitħaffru qatigħ f'dawk l-inħawi.

In-nies tal-inħawi kienu semgħu l-ħoss tal-ajruplan u ndunaw minħabba l-ħsejjes qawwija li kien qed jagħmel għax kien għaddej fil-baxx ħafna. Uħud minn dawk li ħarġu barra biex jarawh, kienu qalu li bdew jaraw ħiereġ minnu ammonti kbar ta' xrar tan-nar ikkuluriti, l-aktar fl-aħmar u l-isfar li bdew iduru miegħu.

F'waħda miż-żewġt idjar li fuqhom iġġarraf l-ajruplan, kienu jgħammru ċertu Fredu Agius u martu Dolor ma' uliedhom Ġużeppa, Gejtu, Luċija, Ġanni u Ġorġ, b'etajiet ta' bejn it-12-il sena sa sentejn. X'ħin ġrat d-diżgrazzja lkoll kienu reqdin. Id-dar ħadet in-nar u ġġarrfet bil-kapijiet tal-familja, Fredu u martu Dolor jispiċċaw mirdumin u mejta. Waqt li b'xorti tajba l-ħames ulied ma kien korra ħadd minnhom; għajr li waħda miż-żewġt ibniet sofriet minn ferita ħafifa fuq ġbinha. Wieħed mill-persuni tal-ekwipaġġ li kienu fl-ajruplan ħelisa ħafif u flimkien ma' ċertu Ġużeppi Sammut "Tal-Putes", minn Ħal Qormi, suldat fir-'Royal Enginiers', li kien joqgħod quddiem id-djar li ġġarrfu, f'tarf Triq Dun Marju, irnexxielhom jeħilsu wkoll lit-tfal bl-għajnuna tal-pulizija li kienu diġà waslu fuq il-post.

F'waħda mid-djar imsemmija jiġifieri dik ta' 48, fi Triq Dun Marju, kien hemm ċerta Filumen miżżewġa Debono ma' tliet uliedha, ilkoll reqdin. L-omm, x'ħin semgħet il-ħoss tal-ajruplan, inħasdet u malajr malajr ittawlet barra, biex tara x'kien qed jiġri. F'daqqa waħda lemħet ħafna dħaħen u bla telf ta' żmien qajmet lil uliedha u telqet b'kemm kellha saħħa 'l barra. Bintha ta' 7 snin ħarġet warajha, iżda t-tnejn l-oħra ma ridux joħorġu mill-friex. Filumen iddeskriviet il-ħsejjes tal-ajruplan fil-baxx u xebbħithom mal-ħsejjes ta' tiri tal-'machine guns'. Fil-fatt hekk ħasbithom għall-ewwel. Meta ndunat li kien ajruplan qed jiġġarraf daret tiġri lejn id-dar biex toħroġ lil uliedha. Dak il-ħin sewwa, l-ajruplan waqa' fuq id-dar tagħha. Sriep tan-nar bdew jidhru jogħlew fl-ajru. Din l-imsejkna omm dak il-ħin taha bħal ferħ ta' ġenn, għax kien hemm uliedha għadhom ġewwa. Ħu Filumen, Ġużeppi Azzopardi kif sema' l-ħoss tal-ajruplan jiġġarraf mar jiġri biex jara x'kien ġara u sab lil oħtu f'nofs ta' triq tibki u tgħajat biex isalvawlha lil uliedha. Ġużeppi telaq jiġri biex jara x'seta' jagħmel biex jeħlishom. Appena wasal quddiem d-dar t'oħtu ra liż-żewġt itfal jixxabtu ma' katusa għal fuq il-bejt tad-dar ta' maġenbhom. Kif ħeles liż-żewġt itfal, Ġużi mbagħad mar fuq in-naħa ta' wara tad-dar t'oħtu, fejn lemaħ avjatur, membru ieħor mill-ekwipaġġ tal-ajruplan nofsu mirdum. B'ħila kbira huwa seħħlu joħorġu minn fejn kien u wara li qiegħdu f'post fejn ma kienx hemm tiġrib telaq jiġri biex isejjaħ l-għajnuna għax in-nar kien qed iħeġġeġ ġmielu. Jingħad li dan l-avjatur, wara li ġie ftit f'sensih sab sodda ġod-dar, imtedd u baqa' rieqed sa filgħodu. Għalkemm kien midrub, filgħodu xorta waħda telaq il-barra waħdu mingħajr għajnuna. Fuq il-post barra l-pulizija, kienu marru wkoll il-membri tal-A.R.P., it-tabib tad-distrett Mifsud Speranza u l-Kappillan tar-raħal.


L-Ajruplan imġarraf fuq id-djar fit-tarf ta' Triq Dun Marju. Jidhru wkoll xi fizzjali tal-R.A.F.

## Pulizija qalbieni jissogra ħajtu

Kif għedna minn qiegħ il-barriera fejn kienet waqgħet parti mill-ajruplan, b'erbgħa min-nies tal-ekwipaġġ, bdew telgħin ħġejjeġ kbar. Beda jinstema' wkoll xi krib. Minnufih issejħu l-voluntiera biex jinżlu fil-barriera u jagħtu l-għajnuna lil dawk l-imsejkna maqbuda hemm isfel fin-nirien fond ta' madwar 100 pied. Wieħed mill-pulizija li kienu fuq il-post, ċertu Karmnu Camilleri, kien l-uniku wieħed li offra minn jheddu biex jinżel b'ħabel, peress li wieħed minn tal-ekwipaġġ beda juri diffikulta kbira biex ovjament jitla' minn dawk l-abbissi.

Minkejja l-periklu li kellu fuqu l-ajruplan, billi kien mgħobbi bil-bombi u bħal ma' nafu

kien qed jaqbad u jħeġġeġ sewwa, il-kuntistabbli Camilleri b'kuraġġ u sogru kbir għalih tniżżel b'ħabel fil-barriera. Bl-akbar ħila rnexxielu jsalva lil wieħed mill-erba' avjaturi li deher midrub serjament, is-Surgent A.T. Smith. Sħabu, t-tlieta l-oħra, kienu mietu b'konsegwenza ta' ħruq serju.

Din il-ħidma kienet saret kollha kemm hi fid-dalma tal-lejl, li jżid ikabbar il-qlubija ta' dan il-Kuntistabbli 347. Ma setax ikun li ma jingħatax il-ġieħ li kien ħaqqu dan il-Qormi qalbieni Karmnu Camilleri, għal dak l-att erojku li kien wettaq mal-proxxmu tiegħu. Kif rajna, kellu biss biċċa ħabel biex jixxabbat bl-aktar mod kuraġġuż, f'barriera fonda kollha nirien u minkejja li ħin bla waqt setgħet seħħet splużjoni ferm akbar. Din kienet tilħqu u ttemm il-ħajja tiegħu ukoll. Għalhekk dan il-bniedem tabilħaqq għandu għalfejn jibqa' jissemma. Fil-fatt, ftit wara din id-diżgrazzja l-Kuntistabbli Camilleri kien ġie dekorat bil-'George Medal' għall-qlubija li wera. Meta sebaħ, nofs l-ajruplan maħruq deher imperreċ fuq il-bini nofsu mġarraf, donnu għasfur ġganti b'denbu jmiss mal-art. Biċċa mill-makna bl-iskrun magħha kienet tidher imdendla ma' travu waħdieni li kien baqa' f'postu. Il-kumplament, bit-tank tal-'fuel' b'kollox spiċċaw fil-barriera, li l-ġnubijiet tagħha dehru ħaġa waħda sewda bin-nirien qawwija. Waqt it-tiftix mill-membri tal-R.A.F. qalb il-fdalijiet ġew innotati imferxin 'l hawn u 'l hin, diversi bombi milli kien fih l-ajruplan. Dawk il-bombi li nstabu fejn seħħet il-ħabta u spiċċa l-ajruplan kienu għadhom intatti, li nbagħad ġew miġbura bl-akbar reqqa mis-sezzjoni speċjalizzata tal-istess R.A.F. Aktar tard għall-ħabta tal-10.30am, f'qiegħ il-barriera nstabu wkoll t-tliet iġsma tal-ekwipaġġ maħruqa kompletament. Kif inħarġu u ttellgħu minn qalb id-debri ttieħdu bl-ambulanza tal-istess R.A.F lejn is-*Sick Bay* ta' Ħal Luqa.



Il-Kuntistabbli Karmenu Camilleri li kien salva lil wieħed mill-bdoti

Għal dak is-sogru u taħbit kollu li kien għadda minnu Camilleri u bl-għajnuna t'Alla ma kien ġralu xejn, għajr għal xi ġrieħi ħfief. Hekk jindikalna l-istess ċertifikat li kien ħareġ it-Tabib Mifsud Speranza wara li kien eżaminah ftit tal-ħin wara li ttella' mill-barriera.

F'Ħal Qormi, fl-akwata li tiġi ftit aktar 'l fuq minn fejn seħħ dan l-inċident, insibu triq imsemmija għall-Kuntistabbli Karmenu Camilleri.

**Nota:** Dan l-artiklu li kien deher fil-fuljett "Il-Pulizija" qed jiġi ppubblikat bil-permess ġentili tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ellrod Stationery
We accept student Smart Card
Books for School
Cards for all occasions
Toys for all ages
Magazines & Perfumes
Gifts for all occasions
Spiral & Hot binding
Colour photocopy service
Photo processing service, digital
Media & Negative
Passport photos service
98, Triq il-Kbira, Qormi Tel: 2147 0704 – Mob: 9946 5459